# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju, 2017.**

**Talba Nru: 6/2017PA**

**ST Microelectronics (Malta) Ltd**

**vs**

**Joshua Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avvż tat-Talba preżentat fid-9 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u sebgħa u tmenin Ewro (€1,087) bilanċ ta' rifużjoni ta' flejjes avvanzati mill-istess soċjeta` attriċi lill-konvenut, in konnessjoni ma' ħlas ta' taxxa doppja f'Malta u fil-Marokk, u liema somma kienet rifondibbli immedjatament mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi f'każ li dan jittermina l-impjieg tiegħu magħha, skond żewġ ftehimi datati rispettivament 4 ta' Marzu 2011 u 23 ta' Ottubru 2013, li kopja tagħha ġiet annessa mal-Avviż tat-Talba bħala Dok.'ST1' (fol. 2) u Dok.'ST2' (fol. 3).

Ra li l-konvenut kien notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ fl-indirizz 150, *New Street*, Luqa, fil-jum tal-10 ta' Marzu 2017, billi l-atti relattivi tħallew mill-marixxall tal-Qorti ma' ċertu 'Francis Cachia'.

Ra li fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2017, il-konvenut deher mhux assistit u spjega lit-Tribunal li l-atti kienu ntbagħtu fl-indirizz tar-residenża tal-ġenituri tiegħu, u li hu kien sar jaf bihom tlett ijiem qabel dik l-udjenza. Il-konvenut kien iddikajra wkoll li kellu ħsieb jikkontesta l-kawża, u li diġa' kien inkariga avukat għal dan l-iskop. F'dik l-istanza, is-soċjeta` attriċi kienet irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tat-Tribunal dwar din it-talba tal-konvenut.

Ra li, fl-istess udjenza, it-Tribunal kif presjedut kien estenda ż-żmien tal-konvenut biex jippreżenta r-Risposta tiegħu sal-11 ta' April 2017, u ħalla l-kawża għal dan l-iskop għall-udjenza tad-19 ta' April 2017.

Ra li, minkejja dan, il-konvenut baqa' ma ppreżentax Risposta.

Ra li fl-udjenza sussegwenti, il-konvenut deher assistit u ressaq talba biex jitħalla jippreżenta Risposta.

Ra l-provvediment ta' dan it-Tribunal, kif presjedut, mogħti fit-2 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu dik it-talba ġiet miċħuda.

Ra r-Rikors tal-konvenut preżentat fid-19 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu talab it-tħassir *contrario imperio* tal-provvediment mogħti fit-2 ta' Mejju 2017 għar-raġunijiet hemm spjegati.

Ra r-Risposta tas-soċjeta` attriċi preżentata fit-2 ta' Ġunju 2017.

Ra t-tieni provvediment ta' dan it-Tribunal, kif presjedut, mogħti fl-20 ta' Ġunju 2017 li permezz tiegħu l-istess Tribunal ċaħad it-talba tal-konvenut.

Sema' x-xiehda u ra d-dokumenti eżibiti mis-soċjeta` attriċi.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din il-kawża tirrigwardja talba tas-soċjeta` attriċi sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u sebgħa u tmenin Ewro (€1,087) rappreżentanti bilanċ ta' rifużjoni ta` somma mislufa lilu mis-soċjeta` attriċi fil-kors tal-impjieg li huwa kellu magħha.

Ix-xhud **Andre` Bugeja**[1], Human Resources Manager mas-soċjeta` attriċi, xehed li f'din il-kapaċita` kien innegozja l-kuntratti tas-self li jinsabu eżibiti fl-atti proċesswali[2], bejn is-soċjeta` attriċi u l-konvenut li kien impjegat magħha. Huwa spjega li l-konvenut għamel żmien jaħdem għas-soċjeta` attriċi fil-Marokk, u s-soċjeta` attriċi kienet silfitu flus minħabba t-taxxa doppja li kien qed iħallas in konnessjoni mal-impjieg li kellu magħha. Skond il-ftehimi negozjati, il-konvenut intrabat li jirrifondilha dawn il-flejjes mislufa. B'kollox, skond ix-xhud, is-soċjeta` attriċi kienet silfitu s-somma ta` għaxart elef u mitt Ewro (€10,100), li minnhom irrifondilha s-somma ta` tmint elef, disa' mija u tletin Ewro (€8,930) rappreżentanti l-ammont ta` taxxa rifuż lilu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dan il-ħlas lura jidher fil-prospett eżibit mix-xhud[3], u konfermat minnu bil-ġurament, fejn hemm indikat bid-dati, meta ġew mislufa l-flejjes mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut, u meta l-konvenut għaddielha pagamenti b'rifużjoni.

Ix-xhud kompla spjega li l-konvenut irriżenja minn jeddu mill-impjieg li kellu mas-soċjeta` attriċi fis-sena 2016. Fuq mistoqsija tat-Tribunal, ix-xhud spjega li mill-bilanċ ta' elf, mija u sebgħin Ewro (€1,170) li ma ġiex rifuż mill-konvenut, is-soċjeta`

---

[1] Ara xiehda fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2017, fol. 20-21
[2] Fol. 2-3
[3] Fol. 22

attriċi naqqset is-somma ta' tlieta u tmenin Ewro (€83) *'late penalty'*[4] li inkorriet is-soċjeta` attriċi minħabba li ppreżentat it-talba għar-rifużjoni tard.

Ikkunsidra wkoll li:

Jirriżulta pruvat li l-konvenut kien obbliga ruħu li jirrifondi lis-soċjeta` attriċi s-somom ta' €1,195, €3,387 u €5,518, b'kollox €10,100, li rċieva mingħandha biex iħallas it-taxxa fuq il-qligħ mill-impjieg magħha fil-Marokk. Dan il-ħlas il-konvenut intrabat li jwettqu fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mindu jirċievi r-rifużjoni tat-taxxa mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u, f'każ li jtemm dan l-impjieg tiegħu, immedjatament mat-terminazzjoni.

Mill-Avviż tat-Terminazzjoni ta' Mpjieg preżentata mis-soċjeta` attriċi, jirriżulta li l-konvenut irriżenja mix-xogħol fit-2 ta' Awissu 2016.[5]

Wara li qies dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma li, għalkemm il-kontumaċja fis-sistema legali tagħna hija meqjusa bħala kontestazzjoni tat-talba attriċi, f'dan il-każ it-talba attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabilita`.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf u sebgħa u tmenin Ewro (€1,087), bl-imgħax mid-9 ta' Jannar 2017 sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż kollha ta din l-istanza għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**Ġudikatur**

---

[4] Fol. 22
[5] Fol. 35